II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 321/2011

tal-1 ta' April 2011

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 10/2011 fir-rigward tar-restrizzjoni tal-użu ta' Bisfenol A fil-fliexken tal-plastik għat-tisqija tat-trabi

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 18(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2011/8/UE [2] emendat id-Direttiva 2002/72/KE [3] dwar materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba sabiex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti tal-ikel li tillimita l-użu ta' Bisfenol A (2,2-bis(4-idrossifenil)-propan) fil-fliexken għat-tisqija tat-trabi tal-polikarbonat.

(2) Mill-1 ta' Mejju 2011, id-Direttiva 2002/72/KE se tiġi sostitwita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 10/2011 tal-14 ta' Jannar 2011 dwar il-materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel [4].

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 10/2011 ma fihx ir-restrizzjonijiet li jikkonċernaw il-Bisfenol A li ddaħħlu fid-Direttiva 2002/72/KE permezz tad-Direttiva 2011/8/UE.

(4) Ir-Regolament (UE) Nru 10/2011 għalhekk għandu jiġi emendat biex jirrifletti r-restrizzjonijiet tal-użu ta' Bisfenol A.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fit-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 10/2011, l-annotazzjoni dwar is-sustanza numru 151, bl-isem "2,2-bis(4-idrossifenil)propan", fil-kolonna 10 ("Restrizzjonijiet u speċifikazzjonijiet"), għandu jiddaħħal it-test li ġej:

"Ma għandux jintuża għall-manifattura tal-fliexken għat-tisqija tat-trabi (*) tal-polikarbonat (**).

(*) Trabi kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2006/141/KE;
(**) Din ir-restrizzjoni tapplika mill-1 ta' Mejju 2011 fir-rigward tal-manifattura u mill-1 ta' Ġunju 2011 fir-rigward tat-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni fl-Unjoni."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2011 biex jipprojbixxi l-manifattura ta' materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u li mhumiex konformi ma' dan ir-Regolament.

Għandu japplika mill-1 ta' Ġunju 2011 biex jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni fl-Unjoni ta' materjali u oġġetti tal-plastik li mhumiex konformi ma' dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4.
[2] ĠU L 26, 29.1.2011, p. 11.
[3] ĠU L 220, 15.8.2002, p. 18.
[4] ĠU L 12, 15.1.2011, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' April 2011.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO